**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 21/13(12_08_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 12 t' Awwissu 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-5 t' Awwissu 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
6. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
7. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
8. Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Permessi tal-Krejnijiet *Online*'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'L-Użu tal-*Internet Banking*'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kontribut Finanzjarju ta' Kunsill Lokali għal Xiri ta' Materjal Edukattiv għall-Iskejjel'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *On Line'*.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*European Mobility Week – Care Free Day 2013* Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali: *Clean Air – It's your Move!*'

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Każijiet quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korsijiet għall-Adulti (*Lifelong Learning Classes*)'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) rigward is-*Seminar* tad-19 ta' Lulju 2013 bit-tema 'Terms & Conditions apply??!! Do you know your consumer rights??', fil-Grand Hotel, Imġarr, Għawdex.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Ispeaker, Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta rigward il-pubblikazzjoni 'mill-PARLAMENT'.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Circolo Gozitano rigward l-attivita` organizzata minnhom tat-8 ta' Lulju 2013, fiċ-Circolo Gozitano fejn il-President tar-Repubblika ser jikxef plakka kommemorattiva fl-okkażjoni tal-Anniversarju ta' din is-sena u jinawgura wirja artistika.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU Affairs and Policy Development Unit, Ministry of Tourism rigward l-'EDEN Award result' fejn ġejna infurmati li l-proġett tagħna ma rebaħx l-*Award* għal din is-sena.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi - Memo 33/2012'.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Seminar* dwar is-Servizzi tas-Saħħa Lokali fid-19 t' Awwissu 2013, fil-Lukanda Corinthia Palace, Attard.

2.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 51/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Laqgħa għas-Sindki fis-27 u 28 ta' Settembru 2013'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change rigward 'Car Free Day 2013 – Call for Proposals'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward 'Reviżjoni tal-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ'.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Ġustizzja rigward l-ewwel dokument għall-konsultazzjoni pubblika ppreparat mill-Kummissjoni għal Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal invit mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu għas-*Seminar* imsejjaħ 'Discovering Malta and Gozo Through its People and Culture'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-LES Management Committee rigward 'Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* u Ġonna Pubbliċi - Skema ta' *Warning Tickets'*.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Sejħa għall-*Pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi 14-6-2013'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo & Comino Local Plan Team, MEPA fejn qed jipproponu li ssir laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-viżjoni tal-Kunsill għall-Munxar għall-għaxar snin li ġejjin u l-*current approved* Local Plan for Il-Munxar i.e. the Gozo and Comino Local Plan 2006.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura rigward il-laqgħat ta' konsultazzjoni li saru fil-ġranet li għaddew biex nikkonsultaw flimkien dwar il-pjan għall-ħames snin li ġejjin.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti – Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima rigward 'Qtugħ ta' friegħi tal-palm li jintuża mis-sajjieda għall-kannizzati bħala kenn għal-lampuki'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-'Move Week 2013'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-Fond tal-UIF. Ġejna infurmati li l-Kunsill għandu dawn il-fondi: Il-Munxar €4,914.63 u Ix-Xlendi €42,740.44.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq l-Għar ta' Karolina, peress li Sid il-*garage* ma jkunx jista' juża l-*garage* meta ikun hemm *parking* ta' karozzi. Dan ix-xogħol ser isir.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba sabiex il-Kunsill iwaħħal tabella ta' *Cul-de-Sac* fil-bidu ta' Triq il-Biżantini. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar minħabba li tal-Water Services Corporation irranġaw is-servizz tal-ilma f' din it-triq u ħallew toqba fil-bankina u l-kurduna mkissra. Il-kurduna kienet fit-triq taħt il-bankina u waqt li din il-persuna kienet qiegħda tipparkja qasmet it-*tyre*. Hija qiegħda titlob lill-Kunsill sabiex jirrifondilha l-ispejjeż peress li għamlet *tyre* ġdid. Il-Kunsill ser jirreferi dan l-ilment lill-Water Services Corporation minħabba li kienu huma li għamlu x-xogħol.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 21/13(12_08_13).

**5.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

5.01 Ix-xogħol fuq *Lot* 3 - *Supply, Installation, Commissioning of Interpretation System, Static, Audio and Video Content and Interactive System* u *Lot* 4 - *Design, Develop and Commission of a Website* miexi u wasalna biex niffinalizzaw u nkunu lesti. Sabiex isiru s-*signs* ta' *Lot* 3 il-Kuntrattur qed jistenna mingħand il-Go Mobile għan-numru.

**6.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

6.01 Saret laqgħa bejn il-Kuntrattur Road Construction Co. Ltd., il-Perit Samuel Formosa u membri tal-Kunsill sabiex jiġi spjegat il-varjazzjoni li għandu jsir sabiex issir trinka għall-*main* tad-dawl. Il-Kuntrattur qed jitlob is-somma ta' €8,800. Il-Perit qed jirrakkomanda li dan il-prezz huwa raġunevoli. Il-Kunsill qabel li x-xogħol ta' varjazzjoni għat-trinka jsir minn Road Construction Co. Ltd. Il-*main* tal-ilma ser jinbidel mill-Water Services Corporation, u l-Kunsill ser iħallas għat-trinka li ser tiswa €6,960.

**7.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

7.01 Huwa ppjanat li x-xogħol jinbeda f' Ottubru 2013 peress li bħalissa ma jistax isiru xogħlijiet minħabba li żewġ toroq huma f' żona turistika. Il-Kunsill kien qed f' diskussjonijiet sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt.

**8.00 Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.**

8.01 Din is-sena l-festa tax-Xlendi ser issir fit-18 t' Awwissu 2013. Issa peress li kien ippjanat li l-festa ssir fl-1 ta' Settembru 2013, u kienet ser issir il-fjakkolata, din ser issir fit-18 t' Awwissu minflok fl-1 ta' Settembru.

8.02 Ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq il-Kantra se jinbeda f' Ottubru 2013. Il-kuntratt huwa diġa` ffirmat.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

9.01 Bħalissa l-Kunsill qed jagħmel manutenzjoni ta' rutina peress li ma jistgħux isiru proġetti f' toroq ta' postijiet turistiċi.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Uffiċjali tal-Plant Health kienu preżenti fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Issa l-manutenzjoni tas-siġar tal-Palm għaddiet f' idejn il-Kunsill u jrid jieħu ħsieb il-bexx ta' dawn is-siġar. Bħalissa l-Palm qed jieħdu ħsiebu d-Dipartiment tal-Agrikultura.

10.02 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-*water culvert* ta' viċin il-Lukanda San Andrea huwa miksur u qed iħabbat. Il-Kunsill kien se jirranġa dan il-*culvert* bil-*welding*.

10.03 Is-Sindku ġie avviċinat minn xi żgħażagħ fejn ġie mistoqsi dwar jekk il-Kunsill huwiex ser jgħin fil-karrijiet tal-Karnival. Għalkemm il-Karnival għadu 'l bogħod huwa l-ħsieb tal-Kunsill li jgħin bħas-snin l-imgħoddija.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien attenda flimkien mal-Kunsillier Carmen Said għal-laqgħa mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura Joe Mizzi. F' din il-laqgħa ġew imħabbra rotot ġodda li ġew approvati mill-Ministeru u ser jiġu rreferuti lill-Arriva. Fost dawn ir-rotot ser issir rotta għax-Xlendi li tgħaddi mill-Fontana kemm 'l isfel kif ukoll 'il fuq. Ir-rotta tax-Xlendi li tgħaddi mill-Munxar ser tibqa'.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima sabiex titwaħħal *gate* li trid issir fi Ġnien il-Professur Ġuże` Aquilina minħabba *safety*. L-ispiża ser titla' għal €768.00. Kien hemm qbil li din issir.

11.03 Il-Kunsill irċieva stimi għal xiri ta' 10,000 *garbage bags* sabiex jintużaw għal-*litter bins* il-ġodda. L-istimi huma dawn:

| Company | Price per 200 bags exc. VAT | Price per 1000 bags exc. VAT | Price per 10,000 bags exc. VAT | VAT 18% | TOTAL Cost for 10,000 bags inc. VAT |
|---|---|---|---|---|---|
| Grima & Grima | 11 | 55.00 | 550.00 | 99.00 | €649.00 |
| INSERV LTD. | / | 55.50 | 555.00 | 99.90 | €654.90 |
| TRAPLAS LTD. | / | 60.00 | 600.00 | 108.00 | €708.00 |

Ġie deċiż li ma jiġix ipprintjat *logo* fuq dawn il-boroż. Ġie deċiż li dawn il-boroż jiġu ordnati mingħand Grima & Grima.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Ryan Debrincat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward dik it-tabella ta' *No Entry* tal-Wied tax-Xlendi u tabella tal-*Give Way* ta' Triq Ras il-Bajjada.
Is-Sur Debrincat staqsa jekk max-xogħlijiet tal-kisi bit-tarmak ta' Triq ir-Rumani hemm ippjanat li jsiru fanali matul it-triq. Huma semma wkoll il-bżonn li Sid il-blokk ta' *flats* ex-Andar Hotel inaddaf it-terrapien li hemm fit-triq u jsir *fence* quddiem il-faċċata minħabba *safety*.
Fix-xogħlijiet tal-PPP fuq Toroq m'hemmx inkluż fanali.

12.02 Is-Sur Robert Mallia fakkar lill-Kunsill dwar dik it-talba sabiex issir *Bus Shelter* maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġuże` Aquilina. Il-Kunsill ser jiċċekkja ma' Transport Malta.

12.03 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-qasab tal-Wied tax-Xlendi peress li dan twal u qed ixaqleb għat-triq. Hija semmiet ukoll dik il-bozza ġdida li ser issir fi Triq il-Kappar għaliex issa għadda ħafna żmien u din għadha ma saretx. Issuġġeriet ukoll li Ġnien Ragalna jitnaddaf.

Dwar ix-Xlendi, is-Sinjura Said qalet li qed isir abbuż billi jinħareġ iż-żibel kmieni u qed jitpoġġa quddiem l-istabbiliment C7. Għandu jsir avviż u kull tant żmien tinħasel il-bankina. Hija fakkret dwar dawk l-iskips *on wheels* li għadhom quddiem il-*boathouses* u dan wara li tranġa post fejn jitpoġġew l-iskips. Il-Kunsill ser ikellem lill-KIP Għawdex Ltd. sabiex ineħħihom. Semmiet ukoll dawk id-*double yellow lines* li saru fi Triq iż-Żirżieb eżattament fil-kantuniera ma' Triq ir-Ranċiż peress li dawn naqqsu *parking* ta' żewġ karozzi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dawk is-sinjali saru wara li saret talba minn Sid ta' *garage* li qed faċċata u li jkun irid joħroġ l-opra tal-baħar. Ġie deċiż li jiġi vverifikat kemm għandha tkun wiesgħa t-triq sabiex din l-opra tal-baħar tkun tista' tinħareġ mill-*garage*.

12.04 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex jitranġa l-għatu ta' sifjun ta' fuq il-bankina tal-*flats* ta' Carmel Curmi. Huwa fakkar ukoll dwar tindif tal-*culverts* peress li daqt tibda tagħmel ix-xita.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |